**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
**B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,**
**M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.**

**Il-Pulizija**
**Spettur Joanna Piscopo**

**vs**
**David Pace**

**Distrett Zabbar**

**Illum 2 ta' Dicembru, 2020**

Il-Qorti;

Rat li David Pace, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 475573M:

Akkuzat talli nhar it-30 t'April 2019 gal habta ta' 15:15 hrs gewwa St. James Hospital f'Misrah San Gakbu, Zabbar:

1. Insulenta jew hedded lil Josephine Farrugia Mifsud u Vince Mifsud jew jekk kien provokat, ingurja b'mod li hareg mill-limitu tal-provokazzjoni (Kap 9 Artiklu 339(1)(e));

2. BHala persuna volontarjament kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat u storbju jew b'mod iehor (Kap 9, Artiklu 338(dd);

3. Qal kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku (Kap 9 Artiklu 338(bb), 342);

4. Ikkaguna biza' li ser tintuza vjolenza kontra Josephine Farrugia Mifsud jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti tal-imsemmija persuna, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1); (Kap 9 Artiklu 251B(1)).

Il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' Josephine Farrugia Mifsud u Vince Mifsud jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku skond il-provedimenti tal-Art 383 Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe' affidavit ta' PS 624 K. Mallan, certifikat mediku, dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali mmarkat bhala Dok OS1, risk assessment immarkat bhala Dok OS2, dikjarazzjoni ta' David Pace li kkonsulta ma Avukat qabel ma gie nterrogat, Ordni ta' Protezzjoni mmarkata bhala Dok JFM1; dokument immarkat bhala Dok DP1.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' lil Dr. Josie Muscat; Anna Croucher; Josephine Farrugia Mifsud, Vince Mifsud.

Semghet ix-xhieda volontarja tal-imputat David Pace fil-prezenza tal-Avukat difensur taghha.

Saret it-trattazzjoni.

PS 624 K. Millan stazzjonat l-Ghassa ta' Haz-Zabbar jispjega li fit-30 t'April, 2019 ghal habta tat-15:15 hrs, David Pace mar jaghmel rapport l-Ghassa li iktar kmieni kellu argument ma Josephine Farrugia Mifsud gewwa l-isptar Saint James. David spjega li kellu relazzjoni ta' madwar hames xhur ma Josephine Farrugia Mifsud izda ilhom mifrudin minn Frar 2019. Josephine Farrugia Mifsud inqabdet tqila permezz tal-procedura tal-IVF u skond it-testijiet li saru minn Dr. Josie Muscat, it-tarbija kienet ta' David ukoll. Fit-30 t'April, 2019 wara li Josephine Farrugia Mifsud harget mill-isptar Saint James wara appuntament li kellha ma Dr. Josie Muscat, David Pace mar biex ikellem lill-istess Dr. Josie Muscat, meta fil-pront Josephine Farrugia Mifsud marret fuq it-tabib u qaltlu sabiex ma jaghti l-ebda informazzjoni lil David Pace. David Pace jispjega li Josephine Farrugia Mifsud bdiet tghajjat u tghidlu li kien qed itiha l-kedded u li kien se jkun kagun tal-mewt tat-tarbija. Apparti minn hekk, Josephine Farrugia Mifsud bdiet tghamel idha ma wicc David Pace sabiex tipprovokah u anke mbuttatu minn sidru. Il-Pulizija ghamlu kuntatt mas-social workers sabiex isir risk assessment. Sakemm David Pace kien qieghed l-Ghassa ta' Haz-Zabbar, PS 624 K. Mallan gie nfurmat li Josephine Farrugia Mifsud kienet qeghda l-Ghassa ta' Birkirkara sabiex tghamel rapport fuq l-istess incident. Il-Pulizija ta' Birkirkara nfurmaw lil Josephine Farrugia Mifsud sabiex tinzel l-Ghassa ta' Haz-Zabbar sabiex tigi mitkellma. Ghalhekk, Josephine Farrugia Mifsud infurmat lill-pulizija ta' Haz-Zabbar li kienet se tinzel l-Ghassa wara li tispicca mix-xoghol. Ghal habta tal-17:10 hrs fit-30 t'April, 2019, gewwa l-Ghassa ta' Haz-Zabbar, sar risk assessment minn Corinne Cutajar u Vinciana Vella mis-sezzjoni tal-vjolenza domestika fuq David Pace, liema risk assessment irrizulta li kien livell baxx ta' riskju, (score 6). Ghal habta tas-19:10 hrs, Josephine Farrugia Mifsud marret l-Ghassa ta' Haz-Zabbar flimkien ma zewgha Vince Mifsud. Hija nghatat is-solitu twissija. Josephine Farrugia Mifsud spjegat li fid-29 t'April, 2019 irceviet telefonata minghand l-Ispettur tal-Hamrun fejn giet infurmata li David Pace kien qed jitlobha l-ircevuti fl-ammont ta' €118,000 kif ukoll li ried ikun jaf fi x'hin kien l-appuntament taghha mat-tabib Josie Muscat gewwa l-isptar Saint James. Hija nfurmat lill-Ispettur bis-sitwazzjoni u ghalhekk irrifjutat milli ttih ebda informazzjoni rigward l-appuntament taghha. Kompliet tispjega li David Pace kien klijent tal-ufficju tal-avukati SMM u hija kienet tippatrocinah. Bdiet relazzjoni mieghu, liema relazzjoni damet hames xhur u ntemmet fil-15 ta' Frar, 2019 wara li kien heddidha. Josephine Farrugia Mifsud kompliet tispjega li dak inhar tal-appuntament l-isptar Saint James, hi rat lil David Pace bil-qieghda fil-waiting area u ghalhekk poggiet ftit il'boghod minnu, u hadd minnhom ma kellem lil xulxin. Hija dahlet ghand Dr. Josie Muscat u wara li harget mill-appuntament taghha u marret tkellem nurse, Anna Crousher, rat li David Pace mar fuq Dr. Josie Muscat biex isaqsih jekk hu kollox sew bit-tqala u x'kien is-sess tat-tarbija. Josephine Farrugia Mifsud marret fuq Dr. Josie Muscat u nfurmatu li hi ma xtaqitx tkun taf is-sess tat-tarbija u li dik l-informazzjoni ma kellux dritt jaghtiha lil David Pace. Fl-ebda hin, ma ndirizzat lil David Pace. Tkompli tispjega li f'dan il-mument David Pace dar fuqha u qalilha biex ma tindahalx ghaliex kellu dritt daqsha jkun jaf fuq it-tarbija. Hi minn naha taghha qaltlu biex jieqaf itiha kedded stante li t-tarbija kienet qed iggorrha hi. F'dak il-hin, haddiem tal-isptar Saint James talabhom jikkalmaw stante li kienu qed ikunu ta' inkonvenjent ghal pazjenti l-ohra tal-isptar, u dan peress li kien hemm ghajjat u storbju. Josephine Farrugia Mifsud dahlet fil-kamra fejn kien hemm in-nurse sabiex tispjegalha dwar xi medicine relatati

mal-IVF u David Pace dahal ghal warajha u beda jghidilha li serqitu €118,000 u li kienet qed tmur kemm ma zewgha u kemm mieghu. Hi ppruvat tghalaq il-bieb sabiex ma jkompli jiddisturbaha, fejn hu rega' mbotta l-bieb, dahal u beda jghajjat li ghandu dritt u li hi ma kienitx se twaqqfu. Josephine Farrugia Mifsud innegat li pprovokatu, imbuttatu jew ghamlet idha ma wicc David Pace. Anzi, tispjega li kien David Pace li kien qed jidhol wiccu ma wiccha waqt l-argument ta' bejniethom. Tikkonferma li David Pace ma refax idejh fuqha, izda hi xorta kienet imbezza minnu. Tispjega wkoll li kien hemm okkazjoni fejn ghamlet kwerela l-Ghassa ta' Birkirkara sabiex fost affarijiet ohra, tinhareg Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront taghha. Tistqarr li wara l-incident tal-isptar Saint James, hija nizlet ma zewgha l-Ghassa ta' Haz-Zabbar sabiex taghmel rapport, izda hekk kif rat il-vettura ta' David Pace pparkjata quddiem l-Ghassa, iddecidew li jmorru l-Ghassa ta' Birkirkara u jaghmlu rapport hemmhekk, sabiex is-sitwazzjoni ma teskalax. Hija nghatat id-dritt li jsir risk assessment fil-konfront taghha, liema dritt irrinunzjat ghalih. PS 624 K. Mallan kellem anke lil Vince Mifsud li huwa r-ragel ta' Josephine Farrugia Mifsud li ghalkemm ma kienx prezenti waqt l-argument, inzerta lil David Pace barra l-isptar u sahansitra gie insulentat mill-istess David Pace. Vince Mifsud spjega li peress li kellu suspett li David Pace kien se jkun prezenti gewwa l-isptar Saint James, huwa ghazel li jibqa' jistenna lil martu fil-karozza. Hekk kif hareg David Pace mill-isptar, u kien se jaqbad isuq fil-vettura tieghu, mar fejn Vince Mifsud u beda jghajru "kurnut" u "pufta". David Pace beda jghidlu li xeba' jmur mal-mara tieghu, u anke beda jidghi u joffendih. Ghalhekk, Vince Mifsud sakkar il-karozza ghaliex beza' li David Pace kien se jhebb ghalih. Rapport dwar dan l-incident, Vince Mifsud ma ghamilx.

Fl-1 ta' Mejju, 2019, gie mitkellem Dr. Josie Muscat fejn ikkonferma li l-argument beda meta David Pace saqsih jekk hux kollox sew u xtaq ikun jaf is-sess tat-tarbija, u hawnhekk Josephine Farrugia Mifsud ma hallietux jirrispondi lil David Pace. L-argument dam xi zewg minuti, izda Dr. Josie Muscat rega' dahal l-ufficju u kompla b'xoghlu u avolja seta' jisma' l-argument barra mill-ufficju, ma setax jifhem x'kien qed jintqal. Zied li COO Warren Fenech kien ipprova isikket lil David Pace u Josephine Farrugia Mifsud u talabhom johorgu barra.

Fid-9 ta' Mejju, 2019 giet mitkelma n-nurse Anna Crousher gewwa l-Ghassa ta' Haz-Zabbar. Hija spjegat li David Pace u Josephine Farrugia Mifsud bdew jargumentaw, izda ma setghetx tifhem x'beda jintqal bejniethom. Peress li kellha dahra lejhom ma setghetx tghid jekk xi hadd minnhom imbutta lill-iehor, pero' bdiet tisma' lil Josephine Farrugia Mifsud tghid lil David Pace biex ma jersaqx lejha.

Fl-20 ta' Mejju, 2019 ghal habta tal-17:00hrs rega' gie mitkellem David Pace wara li kien moghti s-solitu twissija u wara li kkonsulta mal-Avukat tal-fiducja tieghu. Huwa kkonferma li lil Josephine Farrugia Mifsud ghajjarha kiesha u li kien minghaliha li hi xi haga ghaliex hi Avukata. Jistqarr li qal dan id-diskors ghaliex hass li Josephine Farrugia Mifsud ma kienitx ragjonevoli mieghu. David Pace jinnega li ra jew kellem lir-ragel ta' Josephine Farrugia kemm gewwa kif ukoll barra mill-isptar. Jikkonferma li kemm hu u kemm Josephine Farrugia Mifsud kienu ghamlu rapport kontra Vince Mifsud, izda ma pprocedewx bil-Qorti.

Dr. Josie Muscat jispjega li huwa tabib li kien jahdem gewwa Saint James Hospital Zabbar. Jispjega li Josephine Farrugia Mifsud u David Pace kienu bdew l-IVF gewwa l-isptar Saint James, izda sakemm kienu qed isiru l-visti, dawn kellhom xi jghidu u Josephine Farrugia Mifsud ma riditx li David Pace jidhol maghha biex jara l-ultrasound. Hekk kif harget mill-kamra wara li sar l-ultrasound, David Pace u Josephine Farrugia Mifsud bdew jillatikaw u baqghu jillatikaw sakemm hargu barra t-triq. Inoltre, jispjega li kemm Josephine Farrugia Mifsud u kemm David Pace bdew jitghajru u jinsulentaw lil xulxin, fejn David Pace beda jghid li t-tarbija kienet tieghu u Josephine Farrugia Mifsud bdiet tghidlu li mhux affari tieghu.

Anna Croucher tahdem bhala midwife gewwa Saint James Hospital li dak iz-zmien kien sitwat gewwa Haz-Zabbar u llum jinsab iz-Zejtun. Tispjega li wara li Josephine Farrugia Mifsud harget minghand it-tabib, hija dahlet fil-kamra taghha sabiex ticcekjalha l-pressjoni. David Pace dahal maghha u minn hemm bdew jargumentaw. Hija ma tatx kaz xi bdew jghidu.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'dan il-kaz din il-Qorti hija rinfaccata b'zewg verzjonijiet opposti minn xulxin. Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-persuna tigi ddikjarata hatja, l-akkuza dedotta, ghandha tigi ppruvata oltre kull dubbju ragjonevoli. Issir referenza ghas-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija v Peter Ebejer, fejn dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fis-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Joseph Gauci et, fejn gie ritenut li:

> "Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."

Fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker (Qorti tal- Appell Kriminali-deciza fid-dsatax ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:

> "it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."

Issa l-Qorti taghmel referenza ghas-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Settembru 2002 fl-ismijiet Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti. Jista' jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura ghandha tillibera, jew jekk dan moralment konvint li l-versjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-versjoni li jaccetta u jekk dik il-versjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provediment iehor. Issa jekk il-Qorti thoss li hemm xhieda aktar kredibbli minn ohra, tkun effettivament qed ssib htija 'on a balance of probabilities' u mhux ghaliex ikun hemm prova u ma jkollha ebda dubbju dettat mir-raguni dwar il-htija tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi f'dan il-kaz, skont il-verzjoni mghotija minn Josephine Farrugia Mifsud, waqt li hija kienet il-klinika ta' Haz-Zabbar tas-Saint James hija kient ghall-affari taghha, dahlet ghall-appuntament mat-tabib izda kif spicca l-appuntament David Pace ittenta jmur ikellem lit-tabib bil-konsegwenza li l-partijiet bdew jillatikaw. Illi skond il-verzjoni taghha huwa beda jghid diskors li offendiha, kliem li semmiet fl-okkorrenza li tat dak in-nhar ta' l-incident riprodott kwazi b'ezattezza fix-xhieda taghha waqt l-ahhar seduta ta' dawn il-proceduri. L-istess jghid Vince Mifsud li huwa safa offiz mill-istess David Pace li jikkonferma l-istess verzjoni li huwa ta fid-data tal-incident fix-xhieda tieghu. David Pace jghid li waqt dan l-argument,

Josephine Farrugia Mifsud qalet il-kliem li huwa m'ghandu xejn mit-tarbija u li qed itiha l-kheded u li b'dan l-agir se jasal joqtol lit-tarbija taghha, izda fix-xhieda tieghu jzid li Josephine Farrugia Mifsud pruvat issabbat il-bieb tal-hgieg ma' wiccu haga li ma tirrizultax li ntqalet minn David Pace dakinhar tal-incident.

Illi dan il-fatt il-Qorti qieghda tiehdu in konsiderazzjoni dwar il-kredibilita' fuq dak li qal l-istess David Pace fil-konfront tal-istess Josephine Farrugia Mifsud. Illi wara li rat dawn ic-cirkostanzi il-Qorti trid tifli dawk il-provi mressqa sabiex tinstab htija o meno fuq l-akkuzi migjuba.

**L-ewwel imputazzjoni**

Illi dwar l-ewwel imputazzjoni u cioe' li l-imputat insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor, mix-xiehda mghotija minn Josephine Farrugia Mifsud u Vince Mifsud hareg li l-imputat beda jghid u jghajjat li l-parte civile Josephine Farruga Mifsud tahseb li hi xi alla ghax hija avukat, kif ukoll beda jghid li xebghet tmur mieghu u mar-ragel taghha bi kliem xejn dekoruz li mhux denju li jigi rappurtat f'din is-sentenza izda, jirrizulta mix-xhieda tal-istess Josphine Farrugia Mifsud. Oltre dan Vince Mifsud jikkonferma fix-xhieda tieghu li l-imputat beda jirreferi li Josephine Farrugia Mifsud xebghet tmur mieghu, bl-istess termini mhux dekoruzi u beda johroglu s-suba' tan-nofs. Illi kemm Josephine Farrugia Mifsud kif ukoll Vince Mifsud jzommu l-istess verzjoni ta' kif graw l-affarijiet, u cioe' dak illi qalu waqt l-investigazzjoni ta' dawn il-proceduri a tempo vergine kif ukoll waqt ix-xhieda quddiem din il-Qorti. Illi bla dubju ta' xejn il-kliem uzat mill-imputat jammonta ghal ingurji u offizi fil-konfront ta' kemm Josephine Farrugia Mifsud kif ukoll ta' Vince Mifsud. Illi ghalhekk il-Qorti qieghda ssibu hati ta' din il-kontravvenzjoni.

**It-tieni imputazzjoni**

Illi t-tieni imputazzjoni hija dwar il-ksur tal-paci pubbliku b'ghajjat u storbju skont l-artikolu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi jinghad li din il-kontravenzjoni fis-sentenza fl-ismijiet il-Pulizija vs Joseph Spiteri, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ippreseduta mill-Imħallef Vincent Degaetano nhar l-24.5.1996:

> "Ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali u cjoe', r-reat ta' ksur volontarju tal-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku javvera ruhu meta jkun hemm dak li fil-common law Ingliza jissejjah "a breach of the peace". Din il-kontravvenzjoni tissussisti meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumnita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' propjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil. Ghal dak li hu inkonvenjent ikkagunat minn hsejjes u storbju, il-ligi taghna tipprovdi disposizzjonijiet ohra bhal, per ezempju, l-artikolu 338 (m)."

Fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Paul Busuttil" [23.6.1994] imbaghad gie ritenut li din l-ekwiparazzjoni ta' dan ir-reat mal-kuncett Ingliz ta' "breach of the peace" tirrisali ghal zmien Sir Adriano Dingli li proprju f' kawza deciza minnu fl-10 ta' Gunju, 1890, fl-ismijiet : "Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et." kien qal hekk :-

> "Che il buon ordine e la tranquillita' pubblica sta nella sicurezza , o nella opinione ferma della sicurezza sociale , -- nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all' autorita' pubblica , sia degli individui stessi fra loro , e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica , o della sicurezza individuale , e' violazione dell' ordine

> pubblico , independentemente dalla perpetrazione di altro reato." (Kollez. Vol. XVII, p.47, 475).

Fl-istess sentenza ta' Paul Busuttil gew citati b'approvazzjoni McCall Smith u Sheldon li, fil-ktieb taghhom "Scots Criminal Law" (Edin. Butterworths, 1992) , jghidu :-

> "The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by the Courts. In Ferguson v. Carnochan (1889) it was said not necessarily to be "alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace". Alarm may now be too strong a term: in Macmillan v. Normand (1989) the offence was committed when abusive language caused "concern" on the part of policemen at whom it was directed." (p.192) .

u dik il-Qorti ziedet tghid li :-

> "Naturalment huwa kwazi impossibbli li wiehed jiddeciedi aprioristikament x' jammonta jew x' ma jammontax f' kull kaz ghar-reat ta' ksur volontarju tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jghid awtur iehor Skocciz , Gerald H. Gordon , fit-test awtorevoli tieghu "The Criminal Law of Scotland" (Edinburgh, 1978):
>
> "Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case , and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application." (p.985,para.41-01).
>
> U aktar 'l quddiem l-istess awtur jghid :-
>
> "…although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead actual disturbance ." (p.986, para. 41-04).

Illi mill-affidavit ta' PS 624 K Mallan jirrizulta li l-imputat kelu jitkecca l-barra mill-manager tal-Isptar St James, f'Haz-Zabbar, u jghid ukoll li 'security' certu Warren Fenech kellu jsikket lill-partijiet biex johroghom barra ghaliex ovvjament kienu qed idejqu xi pazjenti li kienu qeghdin prezenti jistennew fil-klinika dak il-hin, pero' z-zewg persuni prezenti waqt id-diverbju bejn il-partijiet u cioe' Dr Josie Muscat u Anna Croucher ma qalux li l-partijiet jew l-imputat kellu jitkecca l-barra mill-klinika, li ghalkemm privata huwa post iffrekwentat mill-pubbliku ghalhekk, ghalkemm jirrizulta li l-partijiet bdew jillatikaw ma jirrizultax li l-imputat kiser il-paci pubblika u l-bon ordni, ghalhekk mhux qed jinstab hati ta' din l-imputazzjoni fil-konfront tieghu. Dan stante wkoll li bid-diskors li ntqal ghalkemm b'vuci gholja li seta' gibed l-attenzjoni tan-nies ma nholqitx dik l-apprensjoni necessarja biex tigi ippruvata din il-kontravvenzjoni.

**It-tielet imputazzjoni**

Illi din l-imputazzjoni hija mibnija fuq l-artikolu 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta dwar kliem oxxenn li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku. Illi mix-xhieda li giet prodotta f'dawn il-proceduri hadd ma semma li l-imputat f'xi mument beda jidghi u ghalhekk din il-kontravvenzjoni ma gietx sufficjentement pruvata fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz.

**Ir-Raba imputazzjoni**

Illi l-akkuza tindika illi r-reat sehh fl-Isptar St James ta' Haz-Zabbar fid-data tat-30 t'April 2019. F'dan il-jum l-imputat allegatament gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Josephine Farrugia Mifsud u dan kif imfassal fl-artikoli 251A(1) tal-Kap 9. Illi mal-promulgazzjoni ta' dan ir-reat, il-legislatur fittex sabiex tigi issanzjonata dik l-imgieba li tista' tohloq fastidju, ghalkemm l-ebda definizzjoni ma tinghata lil dan it-terminu legali. Dan l-artikolu huwa mehud kwazi kelma, b'kelma mil-ligi 'Protection of Harassment Act 1997'. Dwar l-Att l-Archbold jghid dan li gej:

> 'The Act describes itself as one 'to make provision for protecting persons from harassment and similar conduct.' It was passed for the purpose of dealing with the phenomenon of 'stalking'. There is, however, no attempt at a definition of harassment, although section 7(2) provides that references to harassing a person include alarming the person or causing the person distress. In 'Tuppen and anor vs Microsoft Corporation Limited and anor, The Times' November 15 2000, QBD, Douglas Brown J held that there being no definition of 'harassment' in the Act, it was legitimate to have recourse in the proceedings in Parliament as an aid to construction because the wide potential and far-reaching meaning that might be attributed to the word; such reference made clear that the behaviour sought to be controlled was conduct such as stalking, anti-social behaviour by neighbours and racial harassment. But in 'Thomas vs News Group Newspaper Ltd and anor, The times, July 25th 2001, CA (Civ.Div) it was held that the Act is concerned with conduct targeted at an individual which was calculated to produce alarm or distress and which was oppressive and unreasonable
>
> Two incidents can constitute a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely its that they could be described as 'a course of conduct': Lau vs DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC. In 'Pratt vs DPP' 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute when there was only a small number of incidents relied upon."

Illi minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-ligi ghandu johrog illi l-awtur tar-reat irid ikollu l-intenzjoni illi johloq fastidju lil vittma tieghu bl-imgieba tieghu. Illi jekk wiehed ihares lejn is-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Il-Pulizija vs Raymond Parnis nhar it-18 ta' Gunju 2009, il-Qorti qalet hekk:

> L-artikolu 215A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Dan hu r-reat dedott taht it-tieni imputazzjoni. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)( c ) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b' reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli.

Il-Qorti kompliet tghid:

> 251A u cioe' li persuna li l-imgieba taghha tkun dubjuza ("whose course of conduct is in question"), jmissha tkun taf li ser tikkaguna biza' f'haddiehor li ser
> tintuza vjolenza kontrieh f' xi okkazzjoni jekk persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku tahseb li dik l-imgieba tkun ser tikkaguna biza' fil-persuna l-ohra f'dik l-okkazzjoni. Igifieri hawn it-test hu wiehed oggettiv tar-reasonable man. Hemm ukoll f' dan l-artikolu l-iskuzanti kontemplati fl-artikolu 251 (3) (a) u (b) u dik li l-imgieba addottata mill-

persuna akkuzata kienet wahda ragjonevoli ghal-harsien taghha jew ta' haddiehor jew ghall-harsien tal-proprjeta' taghha jew ta' haddiehor.

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna ("alarming the person or causing the person distress" fittest Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "harassment". Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati.

F'sistemi legali barranin gie stabilit li wahda mill-forom li jista' jiehu l-fastidju jew harassment hu dak tal-ippedinar, insegwiment jew bl-Ingliz "stalking". Dan l-agir jista' jkun provokat minn diversi ragunijiet jew "patterns of behaviour". Jezistu per ezempju kazijiet ta' "rejected stalkers" fejn il-persuni koncernati jsegwu l-vittma bil-ghan li jregghu lura, jikkoregu jew jivvendikaw ruhom ghall-"rejection" mill-vittma taghhom. Hemm kazjiet ta' "resentful stalkers" li jkunu qed jippruvaw jaghmlu vendetta ghax ikollhom xi lanjanza kontra l-vittma, bil-ghan li jbezzghu jew jinkwetaw u jdejjqu l-vittma. Jidher li l-agir tal-appellant jinkwadra ruhu taht dawn it-tipi ta' fastidju.

Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi. (ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. A. Caruana Carabez" [21.6.2007]; "Il-Pulizija vs. Fabio Psaila" [12.2.2009] u ohrajn) Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: 'Il-Pulizija vs. Massimo Tivisini" [26.22009], it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "Harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-

"Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",

Dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena w tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie
ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07] :-

".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."

Illi f'dan il-kaz, din l-akkuza hija bbazata fuq dak li gara fit-tletin (30) t'April 2019 meta l-imputat resaq vicin Josephine Farrugia Mifsud. Illi ma hemm ebda referenza ghal xi okkazzjonijiet ohra fl-akkuzi fil-konfront tal-imputat. Illi dan ir-reat jirrikjedi dak li gie msejjah hawn fuq li jkun hemm 'a course of conduct´ u cioe' mhux ta' okkazzjoni wahda izda xi haga li tkun ta' spiss u kontinwa u ta' repetizzjoni. Illi mill-provi mressqa ma kien hemm ebda element li juri li dan il-fastidju kienet kontinwa. Illi ghalhekk mic-cirkostanzi tal-kaz, din il-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzzjoni li bl-agir tal-imputat ta fastidju lil Josephine Farrugia Mifsud ghal dak li hemm taht l-artikolu 251A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide:**

**Ghaldaqstant wara li din il-Qorti rat l-artikoli 338 (dd), 342, 339(1)(e) u 251A(1)(a)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tillibera lill-imputat David Pace mit-tieni (2), mit-tielet (3) u mir-raba' (4) imputazzjoni filwaqt li ssibu hati ta' l-ewwel (1) imputazzjoni u tikkundannah amenda ta' tmienja u hamsin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (Eur 58.23).**

**Inoltre l-Qorti wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9, torbot lill-imputat b'garanzija personali taht penali ta' elf Ewro (€1000) ghal zmien sena fil-konfront ta' Josephine Farrugia Mifsud u Vince Mifsud.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**